**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 113**
**It-Tnejn, 24 ta' April, 2023 fl-4:00 p.m.**

**AIR MALTA - FIRST OFFICERS U KAPTANI - KUMPENS**

**7487. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l Ministru jgħid kemm kien l-akbar ammont u l-inqas ammont ta’ kumpens li ħadu l-First Officers u l-Kaptani tal-Air Malta?

20/03/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-First Officers u l-Kaptana tal-Air Malta ma ħadu l-ebda kumpens.

Seduta 113
24/04/2023

**UNIVERSITÀ TA’ BARTS - STUDENTI**

**7488. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-investiment f'BARTS? Kemm hemm studenti jitgħallmu hemm? Xi ftehim sar mal-Isptar Mater Dei biex jintuża s-servizz biex ikunu jistgħu jitgħallmu dawn l-istudenti?

20/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 113
24/04/2023

**MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI U SKEJJEL TAL-ISTAT – MIŻURI GREEN**

**7489. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri Green qed jieħu fil-Ministeru tiegħu u fl-iskejjel tal-Istat?

20/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kemm l-għan tal-Ministeru u kif ukoll l-iskejjel tal-Istat hu li jedukaw, iħaddnu u kif ukoll jinkoraġġixxu miżuri li bihom ngħinu l-ambjent ta’ madwarna. Miżuri jinkludu r-riċiklaġġ u s-separazzjoni tal-iskart, l-użu ta’ sistemi ta’ panelli, użu aħjar tal-ilma, tħawwil ta’ pjanti u siġar, fost proġetti, sistemi u inizjattivi sostenibbli oħra.

Seduta 113
24/04/2023

**ENGINEERING RESOURCE LIMITED - DIRETTURI**

**7490. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid min huma d-diretturi tal-kumpanija governattiva, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament? Xi kwalifiċi għandhom? Kemm ibbenefikaw nies mill-pubbliku mill-operat tagħhom?

20/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Id-diretturi tal-kumpanija governattiva li isimha ngħata b’mod separat, b’effett mill-20 t’April 2023, huma Ing. Kevin Chircop (Chairperson), Raymond Falzon, William Lewis, Nevise Borg Caligari, Ronnie Vella, Dr Alex Scerri Herrera, Kelly Cesare, Rachel Debono, Sharon Penza, Dr Alessandro Lia (Membri) u Dr Ryan C Pace (Segretarju). Il-ħatriet saru skont kif jpprovdu l-Memorandum and Articles of Association, liema dokumenti jipprovdu wkoll għall-funzjonijiet tal-kumpanija.

Seduta 113
24/04/2023

**UFFIĊINI TAL-KUNSILLI LOKALI – ISTALLAZZJONI TA' LIFT**

**7546. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jiġi istallat lift jew mezz ieħor fil-Kunsilli Lokali li għandhom binjiet mhux aċċessibbli għal kulħadd sabiex l-anzjani u persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jingħataw aċċess fil-binja kollha?

21/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li l-informazzjoni rikjesta, li hi pjuttost volominuża, qiegħda tinġabar u tingħata f'seduta oħra.

Seduta 113
24/04/2023

**MARSA – PROĠETT DWAR L-ISPORT TAL-BOĊĊI**

**7547. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux pjan li jsir xi proġett kapitali dwar l-isport tal-boċċi fil-Marsa? Jekk iva, jista' jgħid x'inhu l-pjan?

21/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pjan hu li tiżdied lane oħra, magħrufa bħala raffa, biex tikkumplimenta l-lanes l-oħra eżistenti.

Seduta 113
24/04/2023

**MINI FI TRIQ REĠJONALI**

**7548. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhu proġettat li jsir fis-sena 2023 dwar il-wegħda tat-tisqif tal-mini fi Triq Reġjonali?

21/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** B'żieda mal-ispjegazzjonijiet li diġà tajt fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari 306 u 1402, ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-2023 huwa previst li jinbeda studju tekniku relatat ma' dan il-proġett u l-evalwazzjonijiet meħtieġa relatati mal-istess studju. Għandha tinbeda wkoll cost benefit analysis tal-proġett.

Seduta 113
24/04/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – RAPPORTI KRIMINALI MIS-SEGRETARJU PERMANENTI**

**7549. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7254, jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il rapport kriminali sar mal-Pulizija mill-Permanent Secretary tiegħu fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, f'dawn l-aħħar għaxar snin?

21/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 7254.

Seduta 113
24/04/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – RAPPORTI KRIMINALI MIS-SEGRETARJU PERMANENTI**

**7550. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7255, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il rapport kriminali sar mal-Pulizija mill-Permanent Secretary tiegħu fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, f'dawn l-aħħar għaxar snin?

21/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 7255.

Seduta 113
24/04/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – RAPPORTI KRIMINALI MIS-SEGRETARJU PERMANENTI**

**7551. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7256, jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport kriminali sar mal-Pulizija mill-Permanent Secretary tiegħu fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, f'dawn l-aħħar għaxar snin?

21/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-Mistoqsija Parlamentari bin-numru 7256.

Seduta 113
24/04/2023

**ĦAD-DINGLI - TREJQET IS-SAGĦTAR – NUQQAS TA' DAWL**

**7698. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7250, peress illi din il-kwistjoni ilha pendenti għal numru ta' snin, u peress li r-residenti dejjem jingħataw l-istess risposta, jista' l-Ministru jgħid meta ser tkun qed issir il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli li fiha se tkun diskussa l-problema ta' dawl fi Trejqet is-Sagħtar bl-iskop li fl-aħħar tkun indirizzata?

27/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħad Dingli li l-laqgħa li qed tirreferi għaliha l-Onor. Interpellant saret fl-14 ta' April 2023.

Seduta 113
24/04/2023

**KONĊESSJONIJIET GĦALL-PORT IL-KBIR U L-PORT TA' MARSAXLOKK**

**7731. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jipprovdi l-ftehim ta' konċessjonijiet kollha għall-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsaxlokk?

27/03/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dokumenti mitluba huma ta' natura sensittiva u ma jistawx jingħataw.

Seduta 113
24/04/2023

**TELGĦET IX-XEMXIJA - XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**7732. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hux se jsiru xogħlijiet f'Telgħet ix-Xemxija, meta jridu jsiru u kemm se jieħdu fit-tul? Tista' tgħid x'immaniġġar tat-traffiku se jintuża għal dawn ix-xogħlijiet?

27/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet parlamentari 3261 u 7112. Sadattant, apparti x-xogħlijiet f'Telgħet ix-Xemxija, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma se tkun qed tagħmel investiment ta' €6.4 miljun biex ittejjeb sostanzjalment l-infrastruttura tad-drenaġġ f'San il-Pawl il-Baħar u f'Kennedy Grove. Dan l-investiment huwa meħtieġ biex jindirizza t-tkabbir fil-popolazzjoni ta' din iż-żona u għalhekk irridu nassiguraw li jkun hemm infrastruttura adegwata li kapaċi tilqa' għad-domanda li dejjem tiżdied.
F'dan il-proġett ser tintuża teknoloġija avvanzata magħrufa bħala micro-tunnellling li tippermetti l-kostruzzjoni ta' gallerija tad-drenaġġ ta' 1.9km mingħajr l-użu tat-trinek u l-bżonn ta' ħafna tħaffir. Din il-gallerija ser tiġbor il-parti l-kbira tad-drenaġġ ta' San Pawl il-Baħar u Kennedy Grove u b'hekk jittaffa l-piż fuq l-infrastruttura eżistenti.
Huwa mmirat li x-xogħlijiet fuq dan il-proġett jibdew sal-aħħar t'April u se jkun maqsum f'żewġ lottijiet, li flimkien mistennija jieħdu madwar 50 ġimgħa biex jitwettqu. Ix-xogħol fuq iż-żewġ lottijiet se jsir fl-istess ħin, biex b'hekk tiġi żgurata t-tlestija effiċjenti u f'waqtha ta' dan l-upgrade tant meħtieġ.

Seduta 113
24/04/2023

**TELGĦET IX-XEMXIJA - XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**7733. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jsiru xogħlijiet f'Telgħet ix-Xemxija, meta jridu jsiru u kemm se jieħdu fit-tul? Jista' jgħid x'immaniġġar tat-traffiku se jintuża għal dawn ix-xogħlijiet?

27/03/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm ippjanat intervent ta' major patching fil-ġimgħat li ġejjin. Bħalissa qed jitħejja pjan għall-immaniġġar tat-traffiku li jiġi sottomess u approvat minn Transport Malta.

Seduta 113
24/04/2023

**MIŻURI KONTRA L-KRIMINALITÀ**

**7735. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jindika fid-dettall x'miżuri qegħdin jittieħdu sabiex titnaqqas il-kriminalità f'pajjiżna?

27/03/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-Pulizija ssegwi diversi miżuri sabiex titnaqqas il-kriminalità ġewwa pajjiżna. Fost dawn il-miżuri hemm dawk li jinsabu fl-istrateġija ta' trasformazzjoni fi ħdan il-Korp, imħabbra fis-sena 2020 bil-għan li tiġi implimentata fuq ħames snin. Bosta huma intiżi biex b'xi mod jew ieħor jgħinu wkoll fil-ġlieda kontinwa kontra l-kriminalità meta jiġu implimentati. Għalkemm l-istrateġija ilha ftit aktar min sentejn li bdiet tiġi implimentata, diġà kien hemm diversi riżultati pożittivi li għenu biex il-kriminalità tonqos, tant illi r-rata ta' kriminalità dan l-aħħar kienet l-anqas li ġiet reġistrata fl-aħħar ħamsa u għoxrin sena. Fost l-għanijiet prinċipali hemm enfasi li permezz ta' miżuri li qed jiġu addottati l-pulizija tkun aktar proattiva u dan biex tipprevjeni minn qabel, li reati jseħħu. Iċ-ċentralizzazzjoni ta' certi servizzi speċjalizzati wkoll għenet f'dan ir-rigward, kif għen ukoll it-titjib fil-mezzi ta' komunikazzjoni, sistemi kompjuterizzati u sistemi diversi ta' teknoloġija li kollha jservu ta' deterrent u jgħinu jiddiswadu l-kriminalità. Dawn is-sistemi ser jibqgħu jitjiebu u jiżdiedu kontinwament. It-taħriġ li qed jiġi mmeljorat u rivedut għal kull rank fil-Korp, skambju ta' kapaċitajiet ta' xogħol investigattiv ma' forzi tal-ordni ta' servizzi barranin, kif ukoll it-tqassim ta' riżorsi aħjar, huma wkoll miżuri li jgħinu biex jintlaħaq dan il-għan. Anke fejn tidħol ir-ronda

minn uffiċjali tal-pulizija, inkluż dawk tal-Komunità kif ukoll ronda permezz ta' vetturi, il-pulizija tagħmel l-analiżi tagħha biex taċċerta illi dawn isiru fl-aħjar ħinijiet u postijet, u dan biex iservu ta' deterrent, anke fost dawk li normalment huma awturi ta' ċerti reati. Il-Pulizija tal-Komunità tmexxi prinċipji oħra li jgħinu tiżdied is-sigurtà u titnaqqas il-kriminalità. Dawn prinċipalment jinkludu l-bini tar-relazzjonijiet aktar b'saħħithom tal-pulizija f'kull livell tal-komunità. L-inizjattivi ta' crime prevention programmes, inkluż neighbourhood watch ukoll jgħinu biex il-pubbliku jkun aktar kawt u għalhekk ikun ta' għajnuna f'dan ir-rigward. Ma' dawn hemm ukoll diversi miżuri interni u dawk ta' investigazzjonijiet, li minħabba raġunijiet ovvji ma jkunx prudenti li tingħata informazzjoni dwarhom, jew aktar dettalji dwar kif il-pulizija tikkordina l-ħidma tagħha għal dan il-għan.

Seduta 113
24/04/2023

**BORD TA' MONITORAĠĠ – ILMENTI MILL-PRIĠUNIERI**

**7736. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Bord ta' Monitoraġġ irċeviex ilmenti jew suġġerimenti bil-miktub jew verbali mill-priġunieri? Jekk iva, fiex jikkonsistu dawn l-ilmenti?

27/03/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-Bord huwa prekluż milli jgħaddi u jagħti din l-informazzjoni ai termini tal-L.S. 260.03 tal-Liġijiet ta' Malta artikolu 116(2).

Seduta 113
24/04/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - IMPJEGATI**

**7800. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jipprovdi lista ta' impjiegi jew karigi governattivi li bħalissa għandhom l-individwi li qed jidhru jakkumpanjawh f'ritratt, li qed jintbagħat separatament? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx individwi f'dan ir-ritratt li mhumiex impjegati mal-Gvern, imma li qed joħorġu u jagħtu direttivi f'entitajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tal-Ministeru tiegħu?

29/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Jekk l-Onor. Interpellant għandha domanda x'tagħmel dwar il-ħidma marbuta mal-Ministeru tiegħi jew uffiċjali tiegħu għandha tagħmel tali mistoqsija b'mod dirett u ċar. Dan b'rispett lejn is-serjetà u l-Parlament.

Seduta 113
24/04/2023

**ĦRUĠ TA' AVVIŻI PUBBLIĊI SKONT IL-KAP. 378**

**7804. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm inħarġu avviżi pubbliċi a tenur tal-artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378, sena b'sena mill-2017 sal-2022?

29/03/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba rigward kemm inħarġu avviżi pubbliċi a tenur tal-artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378, qiegħda tiġi ppreżentata fit-tabella t'hawn taħt:

| Sena | Nru ta’ Avviżi Pubbliċi Maħruġa |
|---|---|
| 2017 | 6 |
| 2018 | 11 |
| 2019 | 4 |
| 2020 | 3 |
| 2021 | 0 |
| 2022 | 1 |

Seduta 113
24/04/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – AVUKATI IN HOUSE**

**7805. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm avukati in-house impjegati mal-Awtorità tal-Ippjanar? Jista’ jgħid ukoll jekk hemmx avukati fuq bażi ta’ retainer mal-Awtorità tal-Ippjanar u jekk hemm, kemm jitħallas kull siegħa kull wieħed minnhom?

29/03/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent, l-Awtorità tal-Ippjanar timpjega magħha żewġ avukati in-house. L-Awtorità tagħmel ukoll użu mis-servizzi ta’ ditta t’avukati fuq bażi ta’ retainer. Il-ħlas relattiv hu ta’ €69.23 fis-siegħa, VAT eskluża.

Seduta 113
24/04/2023

**ERA – AVUKATI IN-HOUSE**

**7806. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista’ l-Ministru tgħid kemm hemm avukati in-house impjegati mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA)? Tista’ tgħid ukoll jekk hemmx avukati fuq bażi ta’ retainer mal-ERA u jekk hemm, kemm jitħallas kull siegħa kull wieħed minnhom?

29/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm żewġ avukati ingaġġati fl-uffiċċju legali tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi. M’hemm ebda avukat ingaġġat fuq bażi ta’ retainer mal-istess Awtorità.

Seduta 113
24/04/2023

**MALTA RESOURCES AUTHORITY - IMPJEGATI**

**7807. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista’ l-Ministru tgħid kemm hemm impjegati mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (MRA) u, f’kull każ, x’inhu l-grad u l-professjoni ta’ kull impjegat?

29/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minbarra l-Aġent Kap Eżekuttiv li huwa Inġinier, mal-Awtorità ta’ Malta dwar ir-Riżorsi (MRA) hemm jaħdmu għaxar impjegati. Dawn jinkludu Analyst II u Analyst I, li t-tnejn huma wkoll Inġiniera, u Financial Controller li huwa Accountant. Hemm ukoll Team Leader, Senior Analyst u ħames Project Officers, li kollha huma gradwati fix-xjenza jew f’suġġett relatat.

Seduta 113
24/04/2023

**PROJECT GREEN - IMPJEGATI**

**7808. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm impjegati mal-aġenzija Project Green u x'inhu l-grad u l-professjoni ta' kull impjegat?

29/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li preżentament hemm 107 impjegati ma' Project Green. Billi l-aġenzija inkorporat fi ħdanha l-operat ta' Parks Malta għaddej eżerċizzju t'assimilazzjoni.

Seduta 113
24/04/2023

**BORD GĦAS-SOLUZZJONI TA' TILWIM GĦAL NETWORKS DWAR L-UTILITAJIET - MEMBRI**

**7809. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7191 u jgħid jekk ġewx maħtura l-membri tal-Bord għas-Soluzzjoni ta' Tilwim għal Networks dwar l-Utilitajiet stabbilit skont l-Att dwar ir-Regolament ta' Ċerti Xogħlijiet f'Utilitajiet u Servizzi, Kap. 81? Jekk inħatru l-membri jista' jgħid min huma, meta ġew maħtura u għal kemm żmien hi l-ħatra ta' kull wieħed minnhom?

29/03/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-membri tal-Bord għas-Soluzzjoni ta' Tilwim għal Networks dwar l-Utilitajiet għadhom fil-proċess li jinħatru.

Seduta 113
24/04/2023

**SAN ĠILJAN – TRIQ MIKIEL ANTON VASSALLI U TRIQ SAN ĠORĠ – SOFT AREAS**

**7842. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 7061, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Turiżmu u li issa ġiet riferuta lilha, u tgħid min hu responsabbli għaż-żamma tas-soft areas li hemm fid-dħul għal Paceville ħdejn il-lights, li parti minnhom huma fi Triq Mikiel Anton Vassalli u parti oħra huma fi Triq San Ġorġ?

29/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-soft areas fis-sit li qed jirreferi għalih jaqgħu taħt kuntratt tal-landscaping li tiġġestixxi Ambjent Malta.

Seduta 113
24/04/2023

**TIBDIL F'KUNTRATT GĦALL-GĦOTI TA' ART B'ĊENS TEMPORANJU**

**7843. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7491, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt datat is-16 ta' Frar 1961?

29/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-kuntratt li rrefera għalih ġie ppubblikat fl-atti tan Nutar A. Attard fid-19/02/1962. Sussegwentement, St. George's Bay Hotel Ltd ittrasferew l-enfitewsi għal fuq Garnet Investments Ltd permezz ta' kuntratt magħmul minn Nut. Malcolm Mangion datat 17/03/2015.

Mir-riċerka li għamlet l-Awtorità tal-Artijiet, ma jirriżultax illi l-Gvern għamel xi modifika għal enfitewsi oriġinali.

Seduta 113
24/04/2023

**INDIVIDWI/DITTI LI JIPPROVDU SERVIZZI PROFESSJONALI LILL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR U LILL-MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR**

**7844. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7044, jista' l-Ministru jgħid min huma l-individwi u/jew ditti li jipprovdu s-servizzi professjonali kollha lill-Awtorità tal-Ippjanar u/jew iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra s-segwenti kuntratti:
a. termini ta' riferiment għal reviżjoni tas-servizzi;
b. ftehim /jew kuntratti; u
ċ. invoices u riċevuti in konnessjoni mas-servizzi mogħtija?

29/03/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 113
24/04/2023

**GŻIRA – TRIQ IL-MADONNA TAL-ĠEBLA - ART**

**7848. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għall-art, immarkata bl-aħmar fis-site plan li qed tintbagħat separatament, li tinsab fi Triq il-Madonna tal-Ġebla, il-Gżira, jista' l-Ministru jgħid jekk din hijiex art pubblika jew le? Jekk le, kienet xi darba tal-Gvern? Kif ġiet mgħoddija lil terzi?

30/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 113
24/04/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - ENCROACHMENT PERMITS**

**7854. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il encroachment permit inħareġ mill-Awtorità tal-Artijiet kull xahar fl-2022 u jindika għal liema raġuni nħareġ kull permess?

03/04/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 113
24/04/2023

**MCC – KARIGA TA' CEO**

**7855. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7581, peress illi l-mistoqsija li għamilt lill-Ministru ma kinitx dwar dettalji, bħan-numru ta' sigħat stipulati fil-kuntratt jew ħinijiet fissi, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija li saritlu u jgħid bħala medja kemm-il siegħa xogħol fil-ġimgħa ħadem is-CEO ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi (MCC) sa mid-data tal-bidu tal-impjieg tiegħu?

03/04/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li s-CEO ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi (MCC) jaħdem kemm hemm bżonn biex jaqdi d-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet tiegħu. Il-ħidma tas-CEO, li hija in line mal-kuntratt tal-impjieg, ma titkejjilx bl-ammont ta' sigħat li ħadem biss imma bis-suċċessi li kisbet l-MCC taħt it-tmexxija tiegħu f'dan l-aħħar snin.

Seduta 113
24/04/2023

**SPTAR MATER DEI – DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA – STENNIJA TAL-PAZJENTI**

**7856. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kienet l-istennija medja ta' pazjent fl-Emerġenza minn meta jirreġistra sal-punt li tittieħed deċiżjoni medika ta' jekk jingħatax sodda f'ward jew jintbagħatx lura d-dar wara li jingħata kura jew dijanjosi mit-tobba fl-Emerġenza għal kull xahar minn Jannar tal-2022 sad-data ta' meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija u kull sena matul l-aħħar għaxar snin?

03/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-istennija medja ta' pazjent fl-Emerġenza minn metajirreġistra sal-punt li tittieħed deċiżjoni medika ta' jekk jingħatax sodda f'ward jew jintbagħatx lura d-dar wara li jingħata kura jew dijanjosi mit-tobba tvarja skont il-każ. Dan għax f'każijiet komplikati jew li jeħtieġu resuscitation isiru nurmu ta' interventi - xi wħud li jistgħu jsalvaw ħajjiet il-pazjent - f'emerġenza stess.

Seduta 113
24/04/2023

**IMTARFA – TRIQ G. CARAFA – TINDIF TA' ART**

**7857. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid meta se tittieħed azzjoni biex il-biċċa art li taqa' taħt ir-responsabilità tal-Awtorità tad-Djar fi Triq G. Carafa, l-Imtarfa (id-dettalji tal-post eżatt qegħdin jingħataw separatament), titnaddaf u ma tibqax perikoluża kemm għar-residenti li joqogħdu hemmhekk kif ukoll għal min jidħol f'din l-art?

03/04/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-art li għaliha qed issir referenza ma hemmx aċċess għaliha. Fil-passat il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa kien installa xatba biex jillimita kull aċċess għal din l-art. Barra minn hekk, hemm ukoll xi oġġetti li huma ta' valur storiku. L-aċċess għal din l-art huwa limitat kemm għall-pubbliku u kif ukoll għall-ġirien.

Seduta 113
24/04/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-PLEJJU – TINDIF**

**7895. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq il-Plejju, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

04/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li l-Knis fi Triq il-Plejju jsir nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa.

Seduta 113
24/04/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ IR-RIGNU – TINDIF**

**7896. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq ir-Rignu, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

04/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li Triq ir-Rignu tinkines darbtejn fil-ġimgħa, kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa.

Seduta 113
24/04/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ ĦAMMIERI – TINDIF**

**7897. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq Ħammieri, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

04/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li Triq il-Ħammieri tinkines regolarment darbtejn fil-ġimgħa.

Seduta 113
24/04/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ ID-DRAGUN – TINDIF**

**7898. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq id-Dragun, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

04/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li Triq id-Dragun tinkines nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa.

Seduta 113
24/04/2023

**ĦAL GĦAXAQ – TRIQ DUN ĠUŻEPP DEMICOLI - XOGĦOL**

**7942. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa previst li tkun lesta Triq Dun Ġużepp Demicoli ġewwa Ħal Għaxaq, u kemm ser tkun l-ispiża biex tiġi rranġata?

11/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li x-xogħlijiet mexjin skont id-deadlines stipulati mill-entità kkonċernata.

Intant nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 113
24/04/2023

**ĦAL GĦAXAQ – TRIQ DUN ĠUŻEPP DEMICOLI - XOGĦOL**

**7943. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa previst li tkun lesta Triq Dun Ġużepp Demicoli ġewwa Ħal Għaxaq, u kemm ser tkun l-ispiża biex tiġi rranġata?

11/04/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Triq Dun Ġuzepp Demicoli Għaxaq, fil-parti bejn Triq il-Belt Valletta u Triq Ġuzepp D'Arena, għandhom ikunu lesti sal-bidu ta' Mejju 2023. Ix-xogħlijiet huma stmati li ser jiswew madwar €600,000.

Seduta 113
24/04/2023

**ĦAL GĦAXAQ – SKOLA PRIMARJA – XOGĦLIJIET**

**7944. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2312 dwar ix-xogħlijiet li huma previsti li jsiru fl-Iskola Primarja ta' Ħal Għaxaq, jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett sabiex tiġi rranġata u rinnovata din l-iskola?

11/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 6553.

Seduta 113
24/04/2023

**IŻ-ŻEJTUN – MISRAĦ KARMNU GRIMA – XOGĦLIJIET**

**7945. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2315, jista' l-Ministru jgħid jekk ġietx stabbilita l-ġurnata li fiha ser jibda x-xogħol f'Misraħ Karmnu Grima ġewwa ż-Żejtun?

11/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun illi l-Kunsill ħejja lista ta' prijoritajiet ta' toroq sabiex jiġu mwettqa minn l-entità kkonċernata fis-sena 2023. Dawn infurmat li kienu magħżula mis-Sindku bl-approvazzjoni tal-Kunsill skont l-urġenza u l-kundizzjoni tal-wiċċ tat-triq.

Infurmat ukoll li Misraħ Karmnu Grima hi elenkata mal-lista li ser tgħaddi lill-entità kkonċernata aktar tard din is-sena sabiex issir fl-2024.

Rigward il-parti tad-domanda dwar ġurnata li fiha ser jibda definittivament ix-xogħol fl-imsemmi misraħ, nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 113
24/04/2023

**IŻ-ŻEJTUN – MISRAĦ KARMNU GRIMA – XOGĦLIJIET**

**7946. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2318, jista' l-Ministru jgħid jekk ġietx stabbilita l-ġurnata li fiha ser jibda jsir ix-xogħol f'Misraħ Karmnu Grima ġewwa ż-Żejtun?

11/04/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja b'taħdidiet mal-Kunsilli Lokali kollha biex isir pjan ta' xogħol ta' toroq residenzjali f'kull lokalità. Fid-dawl li dawn id-diskussjonijiet għadhom ma ġewx konklużi, ir-responsabiltà tat-tiswijiet u l-manutenzjoni regolari ta' toroq lokali bħal din imsemmija hija tal-kunsill lokali. Dawn għandhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex ikomplu jagħmlu t-tiswijiet temporanji u manutenzjoni li kull triq tkun teħtieġ minn żmien għal żmien.

Seduta 113
24/04/2023

**IL-KALKARA – SMOKING ROOM F'BIGHI - XOGĦLIJIET**

**7947. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2319 dwar xogħlijiet fuq dik li tissejjaħ 'Smoking Room' ġewwa Bighi, il-Kalkara, jista' l-Ministru jgħid jekk dawn ix-xogħlijiet għadhomx ser jibdew u jitkomplew tul din is-sena?

11/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat liHeritage Malta tinsab fil-proċess relatat mal-permess tal-Awtorità kkonċernata kif ukoll qed jiġi ppreparat it-tender relattiv sabiex jinħareġ mill-aktar fiss.

Intant infurmat li x-xogħlijiet strutturali mistennija jibdew iktar tard din is-sena.

Seduta 113
24/04/2023

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – INTERNAL AUDITS**

**7976. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux xi tip ta' internal audits f'dawn l-aħħar tliet snin fir-Residenza San Vinċenz de Paul u fuq liema raġuni/materja saru?

12/04/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 113
24/04/2023

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL - INFERMIERA**

**7977. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm infermiera ingaġġati fir-Residenza San Vinċenz de Paul, sala b'sala, u dawk ta' riserva?

12/04/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 113
24/04/2023

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL - SODOD**

**7978. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il sodda hemm fir-Residenza San Vinċenz de Paul u kemm minnhom huma okkupati sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

12/04/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa f'SVP b'kollox hemm madwar 1,400 sodda. Minnhom, 1,330 huma okkupati. L-oħrajn jinsabu fi swali li bħalissa qed jiġu rinovati.

Seduta 113
24/04/2023

**DJAR TAL-ANZJANI PRIVATI – SODOD GĦALL-KURA TAL-ANZJANI**

**7979. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il sodda għall-kura tal-anzjani hemm fi djar tal-anzjani privati fil-komunità li tagħhom hu responsabbli l-Gvern? Jista' l-Ministru jgħid f'liema djar qegħdin u kemm-il sodda hemm, dar b'dar?

12/04/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità għandha total ta' 2,565 sodda għall-kura tal-anzjani fi djar tal-anzjani privati fil-komunità li tagħhom hu responsabbli l-Gvern. L-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 113
24/04/2023

**DJAR TAL-ANZJANI PRIVATI – ĦLAS TA' KULL SODDA GĦAL KULL JUM**

**7980. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm qed iħallas il-Gvern kuljum għal kull sodda fi djar tal-anzjani privati biex jiġu kkurati anzjani?

12/04/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din l-informazzjoni ma tistax tingħata minħabba li din hija kummerċjalment sensittiva.

Seduta 113
24/04/2023

**DJAR TAL-ANZJANI PRIVATI – PPP**

**7981. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta sar l-aħħar arranġament ma' dar tal-anzjani fil-privat bħala Public Private Partnership, ma' liema dar u x'kienet ir-rata li ngħatat?

12/04/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-aħħar ftehim sar fit-30 ta' Novembru 2022 mad-dar tal-anzjani privata The Imperial. L-informazzjoni l-oħra ma tistax tingħata minħabba li hija kummerċjalment sensittiva.

Seduta 113
24/04/2023

**GŻEJJER TA' SAN PAWL – SPEZZJONI**

**8001. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Heritage Malta jew xi entità oħra li taqa' taħtu għamlitx xi spezzjoni fuq il-Gżejjer ta' San Pawl għal dak li jikkonċerna l-binja u l-istatwa li hemm fuq l-istess gżejjer? Jekk ma sarux spezzjonijiet, jista' jieħu l-passi neċessarji biex issir spezzjoni u jiġi aċċertat li l-binja u l-istatwa li hemm jiġu restawrati kif meħtieġ?

13/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsba infurmat li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali spezzjonat is-sit f'nofs is-sena 2022, u sa dik id-data, l-istatwa kienet fi stat ta' konservazzjoni tajjeb.

Fir-rigward tat-torri, infurmat li filwaqt li mill-ispezzjoni jirriżulta ċar li dan qiegħed fi stat dilapidat, is-Sovrintendenza m'għandhiex dettalji dwar is-sid/sidien tal-imsemmi torri.

Seduta 113
24/04/2023

**IS-SALINA – TINDIF TAS-SALT PANS**

**8002. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7417, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar xi żviluppi kien hemm fuq din il-materja?

13/04/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għadhom għaddejjin diskussjonijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-intervent meħtieġ. Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi intalab biex issir parti mix-xogħolijiet meħtieġa.

Seduta 113
24/04/2023

**CARERS TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ - ĦLAS**

**8025. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid meta sar l-ewwel ħlas għall-carers ta' persuni b'diżabilità severa matul din is-sena? Kull meta se jkun qed isir dan il-ħlas? Preżentement kemm hu l-ħlas lil kull ġenitur li hu carer ta' persuna b'diżabilità?

14/04/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, l-ewwel ħlas, għal din is-sena, tal-Carers Grant li titħallas lill-ġenitur li ma jkunx qiegħed jaħdem minħabba li jkun qiegħed jieħu ħsieb ta' wild jew ulied b'diżabilità severa u l-wild jew ulied ikun/u qed jirċievi/u l-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa, sar fit-8 ta' April 2023. Hekk kif imħabbar fil-Baġit għas-sena 2023 dan il-ħlas tela' minn €500 għal €4,510 fis-sena. Il-ħlas dovut qiegħed jitħallas kull tlett xhur fl-ammont ta €1127.50.

Seduta 113
24/04/2023

**ĦRUĠ TA' ĊITAZZJONIJIET DWAR KSUR TA' BY-LAW**

**8026. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet, xahar b'xahar, dwar ksur ta' by-law KLBL55/05/2021, liema by-law hi dwar il-konsum tal-alkoħol f'postijiet pubbliċi f'San Pawl il-Baħar, minn mindu daħlet fis-seħħ din il-by-law sal-aħħar ta' Marzu 2023? Minn dawn iċ-ċitazzjonijiet li nħarġu, kemm minnhom irriżulta li l-persuna lil min inħarġet iċ-ċitazzjoni kienet ħatja, ma kinitx ħatja u kemm hemm każijiet pendenti?

14/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' ċitazzjonijiet li nħarġu kemm mill-Pulizija kif ukoll minn uffiċjali tal-LESA, xahar b'xahar, dwar ksur ta' by-law KLBL55/05/2021, dwar il-konsum tal-alkoħol f'postijiet pubbliċi f'San Pawl il-Baħar, minn Mejju 2021 sal-aħħar ta' Marzu 2023 kien ta' mija u tlieta u sittin (163). Dettalji ta' kemm minn dawn iċ-ċitazzjonijiet tħallsu mill-ewwel, kemm mill-persuni responsabbli nstabu ħatja jew kienu liberati wara smigħ, u dawk il-każijiet li għadhom pendenti, jidhru fit-tabella riprodotta hawn taħt:

| Kontravenzjonijiet maħruġa abbażi ta' KLBL 55/05/2021 - Alkoħol - San Pawl il-Baħar<br>Mejju 2021 sa Marzu 2023 - status sa 14042023 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Sena u xahar** | **Imhallsa** | **Misjuba ħatja wara smigh** | **Liberati wara smigħ** | **Pendenti** | **Total** |
| **2021** | **6** | **14** | **6** | | **26** |
| May | | 4 | 4 | | 8 |
| Jun | 6 | 7 | 2 | | 15 |
| Sep | | 3 | | | 3 |
| **2022** | **68** | **47** | **3** | | **118** |
| Feb | 5 | 2 | | | 7 |
| Mar | | 1 | | | 1 |
| Apr | 4 | 5 | | | 9 |
| May | 6 | 4 | 2 | | 12 |
| Jun | 7 | 11 | | | 18 |
| Jul | 7 | 1 | | | 8 |
| Aug | 4 | | | | 4 |
| Sep | 3 | 4 | | | 7 |
| Oct | 9 | 8 | | | 17 |
| Nov | 16 | 6 | 1 | | 23 |
| Dec | 7 | 5 | | | 12 |
| **2023** | **10** | | **1** | **8** | **19** |
| Jan | 3 | | | 1 | 4 |
| Feb | 4 | | 1 | 1 | 6 |
| Mar | 3 | | | 6 | 9 |
| **Total** | **84** | **61** | **10** | **8** | **163** |

**ĦRUĠ TA' ĊITAZZJONIJIET DWAR STORBJU EĊĊESSIV F'SAN PAWL IL-BAĦAR**

**8027. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet, xahar b'xahar, dwar storbju eċċessiv fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar minn Jannar 2021 sal-aħħar ta' Marzu 2023? Minn dawn iċ-ċitazzjonijiet li nħarġu, kemm minnhom irriżulta li l-persuna/stabbiliment eċċ. lil min inħarġet iċ-ċitazzjoni kienet ħatja, ma kinitx ħatja u kemm hemm każijiet pendenti?

14/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' ċitazzjonijiet li nħarġu, xahar b'xahar, dwar każijiet ta' ksur ta' ordni pubbliku fejn kien hemm storbju eċċessiv, fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar bejn Jannar 2021 u l-aħħar ta' Marzu 2023 kien ta' sebgħa u għoxrin (27). Minn dawn ħamsa nstabu ħatja, ħamsa għandhom il-każ pendenti u sbatax ġew illiberati.

| Xahar | Numru ta' Ċitazzjonijiet | Misjuba ħatja | Każijiet Pendenti | Liberati |
|---|---|---|---|---|
| **2021** | | | | |
| Jannar | 2 | | | 2 |
| Frar | 2 | | | 2 |
| Marzu | 1 | 1 | | |
| April | 1 | | | 1 |
| Mejju | - | | | |
| Ġunju | - | | | |
| Lulju | 2 | | | 2 |
| Awwissu | | | | |
| Settembru | 3 | | | 3 |
| Ottubru | 1 | | | 1 |
| Novembru | 2 | | 1 | 1 |
| Diċembru | 2 | | | 2 |
| | | | | |
| **2022** | | | | |
| Jannar | 3 | 2 | 1 | |
| Frar | 1 | 1 | | |
| Marzu | - | | | |
| April | | | | |
| Mejju | 2 | | 1 | 1 |
| Gunju | 2 | 1 | | 1 |
| Lulju | - | | | |
| Awissu | - | | | |
| Settembru | 1 | | | 1 |
| Ottubru | - | | | |
| Novembru | 1 | | 1 | |
| Dicembru | 1 | | 1 | |
| | | | | |
| 2023 | | | | |
| Jannar | - | | | |
| Frar | - | | | |
| Marzu | - | | | |
| | 27 | 5 | 5 | 17 |

Seduta 113
24/04/2023

**SKEJJEL PRIMARJI - STUDENTI**

**8028. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti f'kull skola primarja f'Malta u Għawdex? Minn dawn l-istudenti, għal kull skola, kemm minnhom huma Maltin u kemm minnhom mhumiex Maltin?

14/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 113
24/04/2023

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET – SPAZJI MIFTUĦA EŻISTENTI**

**8036. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7516, jista' l-Ministru jgħid meta bdew, meta ser ikunu kompluti u kemm se jiswew ix-xogħlijiet fuq Ġnien Bir l-Iljun fir-Rabat, Ġnien il-Kunsill f'Birżebbuġa u Ġnien Ġorġ Zarb f'San Ġwann? Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser ikun hemm kuntratturi ingaġġati u jekk iva x'xogħol se jkun qed jagħmlu u fuq liema proġett?

14/04/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 113
24/04/2023

**KUMMISSJONI TAL-IPPJANAR – KONSIDERAZZJONI MILL-ĠDID TA' APPLIKAZZJONI**

**8037. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7502 u b'referenza għall-applikazzjoni numru PA/03040/16, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kummissjoni tal-Ippjanar hijiex qed tikkunsidra mill-ġdid l-applikazzjoni fid-dawl ta' dak li kien espliċitament deċiż u ordnat mit-Tribunal fid-deċiżjoni tal-appell 343/16, ġaladarba t-Tribunal ħassar il-permess PA/3040/16 fl-appell nru 382/18 JB?

14/04/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. interpellant jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 7502.

Seduta 113
24/04/2023

**PROĠETT DWAR IL-PRATTIKA TA' ĦATT U T-TAGĦBIJA TAL-BASTIMENTI**

**8038. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7501 dwar proġett propost biex il-prattika tal-ħatt u t-tagħbija tal-bastimenti titbiegħed iżjed mill-abitat, jista' l-Ministru jgħid għal liema proġett qiegħed jirreferi?

14/04/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-istqarrija mid-Dipartiment tal-Informazzjoni numru 230181, nitolbu jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 113
24/04/2023

**MALTA FREEPORT TERMINALS – IRBIT TAL-VAPURI MAL-MOLLIJIET**

**8039. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7501, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li tiġi stabbilita proċedura sabiex indipendentement mill-fuel użat, id-dħaħen mill-vapuri jinżammu l-aktar 'il bogħod possibbli mir-residenti?

14/04/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 113
24/04/2023

**BIRŻEBBUĠA – ĊENTRU KOMUNITARJU ĠDID**

**8040. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7498, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb din il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid kemm-il spazju ta' parkeġġ hemm biswit il-lok magħżul għall-Klinika fil-Komunità f'Birżebbuġa, kemm ser ikun l-investiment inizjali, x'ser ikunu s-servizzi li ser ikunu offruti u meta ser ikunu l-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ? Jista' jgħid liema ser ikunu l-ħinijiet tat-tabib (GP) u jekk hux ser jingħata s-servizz ta' tilqim, speċjalment dak relatat ma' persuni li jaħdmu ma' immigranti?

14/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dettalji li qiegħed jistaqsi dwarhom għadhom qegħdin jiġu finalizzati mal-istakeholders konċernati

Seduta 113
24/04/2023

**ENERGY PERFORMANCE CERTIFICATES**

**8041. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7497, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid kemm miċ-ċertifikati li skadew reġgħu ġew imġedda u kemm minn dawk li skadew għadhom skaduti? Jista' jgħid kemm mir-rakkomandazzjonijiet li saru fiċ-ċertifikati tal-ewwel ċertifikazzjoni ġew implimentati sakemm saret iċ-ċertifikazzjoni sussegwenti?

14/04/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-validità ta' EPC hija għal 10 snin u r-rakkomandazzjonijiet huma indirizzati lis-sidien li għandom jaraw li jsegwu dawn l-istess rakkomandazzjonijiet.

Seduta 113
24/04/2023

**KUNSILL LOKALI TAR-RABAT - PEDESTRIAN CROSSING**

**8058. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3915, jista' l-Ministru jgħid meta se ssir il-pedestrian crossing mill-Kunsill Lokali Rabat peress li din diġà ġiet approvata minn Trasport Malta f'Awwissu tal-2021?

17/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 113
24/04/2023

**REMOTE WORKING - LOGBOOK**

**8059. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk hux minnu li l-ħaddiema kollha fis-Settur Pubbliku li ser japplikaw għal Remote Working arrangement ser jintalbu jimlew logbook dettaljat li fih jiġi speċifikat ix-xogħol li jkun sar waqt ir-Remote Working?

17/04/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li ċentralment ma ngħatawx struzzjonijiet biex jintużaw logbooks dettaljati. Kull entità hi libera li topera metodi skont l-esiġenzi partikolari tagħha.

Seduta 113
24/04/2023

**EXTENDED REMOTE WORKING - LOGBOOK**

**8060. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk hux minnu li l-ħaddiema kollha fis-Servizz Pubbliku li ser japplikaw għal Extended Remote Working arrangement ser jintalbu jimlew logbook dettaljat li fih jiġi speċifikat ix-xogħol li jkun sar waqt l-Extended Remote Working? Jista' jgħid jekk il-logbook hux imsemmi fil-'Manual on Work-Life Balance Measures' tal-PSMC fejn jidħol remote working? Jekk il-logbook mhuwiex imsemmi f'dan id-dokument, jista' jispjega għalfejn se jintalab mill-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku?

17/04/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 8059.

Seduta 113
24/04/2023

**SA MEŻUN – BINI MILL-ĠDID TAS-SLIP WAY**

**8064. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinkariga lil Transport Malta sabiex tinbena mill-ġdid is-slip way fin-niżla ta' Sa Meżun f'Lapsi, u s-simenta ta' mad-dawra?

17/04/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta hi infurmata li hemm bżonn xi xogħlijiet fiż-żona. Il-pjan hu li qabel dan is-sajf tiġi rranġata l-ewwel niżla li mit-triq tagħti għas-simenta li twassal għall-baħar. Dan minħabba li fl-aħħar maltempata ġarrbet ħsarat konsiderevoli.

Seduta 113
24/04/2023

**MINA MIS-SWIEQI/PEMBROKE GĦAL PACEVILLE**

**8065. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7828, jista' l-Ministru jgħid jekk hux informat li biex l-iżvilupp mill-kumpanija, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, iseħħ, l-Awtorità tal-Ippjanar għamlet il-mina ta' taħt l-art mis-Swieqi/Pembroke għal Paceville bħala kundizzjoni?

18/04/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar m'għamlitx kundizzjoni fuq il-mina mal-kundizzjonijiet maħruġa mal-permess għal dan l-iżvilupp inkwistjoni, li l-istess Awtorità hija obbligata li tosserva.

Seduta 113
24/04/2023

**FINANCIAL INCENTIVES FOR THE AUDIOVISUAL INDUSTRY - GĦOTI TA' INĊENTIVI**

**8066. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4339, 4896, 5647, 5844, 6251, 6478, 6774, 6966, 7225 u 7798 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont dettaljat ta' kull inċentiv li ngħata taħt il-Financial Incentives for the Audiovisual Industry: Cash Rebate mill-2006 sal-2022 s'issa? Għal kull proġett, jista' jinkludi l-isem tal-proġett, l-isem tal-kumpanija li bbenefikat mill-cash rebate, l-ammont li ngħata mill-Gvern bħala Cash Rebate, l-ispiża diretta tal-film f'Malta u l-ispiża indiretta (fuq riżorsi jew servizzi mill-UE) li kienet eliġibbli għal cash rebate?

18/04/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 113
24/04/2023

**KUMPANIJI BARRANIN – CASH REBATES**

**8067. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 7611 u 7850 u jgħid kemm-il cash rebate ġie mħallas lil kumpaniji barranin u kemm tħallsu lil kumpaniji Maltin f'dawn l-aħħar tliet snin, ċjoè mis-sena 2021 s'issa? Jista' jippreżenta lista ta' liema huma dawn il-kumpaniji u kemm ħadu kull wieħed?

18/04/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 113
24/04/2023

**MEDIĊINA EYLEA U L-EKWIVALENTI TAGĦHA**

**8068. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8010, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk l-ekwivalenti tal-mediċina Eyelea ġew approvati imma mhux il-mediċina Eyelea? Jista' jgħid ukoll x'suppost jagħmlu dawk il-pazjenti li taqbel magħhom il-mediċina Eyelea biss (u mhux l-ekwivalenti) u ma jifilħux jixtruha?

18/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tagħmel il-mistoqsija tagħha b'mod aktar li jinftiehem.

Seduta 113
24/04/2023

**SISTEMA TA' REMOTE WORKING GĦALL-ĦADDIEMA TAS-SERVIZZ U S-SETTUR PUBBLIKU**

**8069. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8009, jista' l-Prim Ministru jgħid id-dokument 'Manual on Work-Life Balance Measures' għal liema ħaddiema japplika? Jista' jagħti lista tal-uffiċjali tas-settur pubbliku li għalihom japplika dan id-dokument?

18/04/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li d-dokument imsemmi japplika għal ħaddiema tas-Servizz Pubbliku.

Seduta 113
24/04/2023

**LAQGĦA MAL-EUROPEAN NETWORK ON INDEPENDENT LIVING (ENIL) FI BRUSSELL**

**8070. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk nhar l-24 ta' Marzu 2023 kellhiex laqgħa mal-European Network on Independent Living (ENIL) fi Brussell? Tista' tgħid x'ġie diskuss f'din il-laqgħa? Tista' tgħid jekk ġiex diskuss il-proġett Reach li kellu jsir fin-Naxxar? Tista' tgħid jekk l-ENIL urewx it-tħassib serju tagħhom dwar dan il-proġett? Wara din il-laqgħa, il-Ministeru u l-Gvern ħadu deċiżjoni fuq x'għandu jsir mill-proġett Reach fin-Naxxar u jekk dan hux se jitkompla fuq il-pjan oriġinali?

18/04/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. interpellant li l-laqgħa li saret mal-European Network on Independent Living (ENIL) kienet kollha kemm hi ffukata fuq ir-riforma li qed jaħdem fuqha l-Gvern rigward il-kunċett tal-assistenti personali.
Il-Gvern qed jara li kull pass li jagħmel fil-qasam tas-settur tal-persuni b'diżabilità jkun jissodisfa l-prinċipji tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.

Seduta 113
24/04/2023

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - PERSUNI DETENUTI LI NGĦATAW FORMA TA' TRANKWILIZZANTI**

**8071. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni detenuti b'sentenza, jew li għadhom qed jistennew li jsir il-proċess tagħhom fi ħdan il-Faċilità Korretiva ta' Kordin, li ngħataw xi forma ta' trankwilizzanti fis-snin 2021 u 2022?

18/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi kull każ ta' persuni li ngħataw benzodiazepines huwa individwali.

Hemm detenuti illi jingħataw benzodiazepines għal raġuni medika partikolari għal qasir żmien, u oħrajn għal kundizzjonijiet psikjatriċi kroniċi taħt superviżjoni tal-psikjatra.

Infurmat illi detenuti ġodda li jkunu diġà ngħataw benzodiazepines fuq ordnijiet tat-tobba fil-komunità jkomplu jiġu segwiti mit-tobba u psikjatri tal-Faċilità.

Filwaqt illi jsiru tentattivi sabiex fuq rakkomandazzjonijiet ta' professjonisti mediċi jitnaqqas l-użu eċċessiv ta' benzodiazepines, dan ma għandux jitqies bħala l-uniku kejl biex ngħarblu s-suċċess ta' riabilitazzjoni. Wieħed jinnota illi l-konsum ta' benzodiazepines mis-sena 2021 sas-sena 2022 tnaqqas b'20% ikkumparat mas-snin ta' qabel.

Infurmat illi fis-sena 2021 kien hemm 194 detenut illi ngħata benzodiazepines filwaqt li fis-sena 2022 kien hemm 180 detenut.

Seduta 113
24/04/2023

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - PERSUNI LI QED JISKONTAW SENTENZA**

**8072. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni detenuti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li qegħdin jiskontaw sentenza, fil-ġurnata li tingħata t-tweġiba għal din il-mistoqsija?

18/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin hemm 355 persuna li qegħdin jiskontaw sentenza.

Seduta 113
24/04/2023

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - PERSUNI DETENUTI LI QED JISTENNEW LI JSIR PROĊESS ĠUDIZZJARJU**

**8073. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni detenuti fi ħdan il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u li għadhom qed jistennew li jsir il-proċess ġudizzjarju tagħhom, fil-ġurnata li tingħata t-tweġiba għal din il-mistoqsija?

18/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fil-preżent hemm 250 persuna li għadhom qed jistennew li jsir il-proċess ġudizzjarju tagħhom.

Seduta 113
24/04/2023

**UFFIĊĊJU TA' KOORDINAMENT TA' MALTA FIL-LIBJA - SPIŻA**

**8074. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm sewa lill-Gvern Malti sal-lum l-uffiċċju ta' koordinament ta' Malta li nfetaħ ġewwa l-Libja in segwitu għall-Memorandum of Understanding iffirmat bejn il-Gvern Malti u l-Gvern tal-Libja tat-28 ta Mejju 2020 dwar il-ġlieda tal-immigrazzjoni illegali?

18/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-uffiċċju ta' kordinament li nfetaħ ġewwa l-Libja in segwitu għall-Memorandum of Understanding iffirmat bejn il-Gvern Malti u l-Gvern tal-Libja fit-28 ta Mejju 2020 ma sewa xejn lill-Gvern Malti għax ġie finanzjat mill-Awtoritajiet Libjani.
Seduta 113
24/04/2023

**UFFIĊĊJU TA' KOORDINAMENT TA' MALTA FIL-LIBJA - SPIŻA**

**8075. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti elenku dettaljat ta' fiex u f'kemm kienu jikkonsistu l-ispejjeż (item b'item) in konnessjoni mal-uffiċċju ta' kordinament ta' Malta li nfetaħ ġewwa l-Libja in segwitu għall-Memorandum of Understanding iffirmat bejn il-Gvern Malti u l-Gvern tal-Libja tat-28 ta Mejju 2020 dwar il-ġlieda tal-immigrazzjoni illegali?

18/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-twegiba tal-mistoqsija parlamentari 8074.

Seduta 113
24/04/2023

**KUNTRATT TA' INDIVIDWU**

**8076. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt tal-individwu, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, li nħatar kordinatur min-naħa tal-Gvern Malti in segwitu għall-Memorandum of Understanding iffirmat bejn il-Gvern Malti u l-Gvern tal-Libja tat-28 ta' Mejju 2020?

18/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 4589.

Seduta 113
24/04/2023

**FINANZJAMENT ADDIZZJONALI MILL-UE GĦAR-RIGWARD TAL-OPERAZZJONI TA' KOORDINAMENT BEJN MALTA U LIBJA FIL-ĠLIEDA KONTRA L-IMMIGRAZZJONI ILLEGALI**

**8077. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern Malti għamilx talba u ngħatax finanzjament addizzjonali mill-Unjoni Ewropea għall-opererazzjoni ta’ kordinamant bejn il-Gvern Malti u l-Gvern Libjan fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali sussegwenti għall-Memorandum of Understanding tat-28 ta Mejju 2020 iffirmat bejn il-Gvern Malti u l-Gvern Libjan?

18/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-inizjattivi ta’ kordinament bejn il-Gvern Malti u l-Gvern Libjan fuq l-immigrazzjoni irregolari sussegwenti għall-Memorandum of Understanding tat-28 ta’ Mejju 2020 huma ffinanzjati miż-żewġ Gvernijiet rispettivi. Il-Gvern Malti kontinwament jitlob li l-Unjoni Ewropea tagħti aktar għajnuna lill-pajjiżi tal-oriġinu u dawk ta’ tranżitu u dan sabiex il-persuni jkollhom futur aħjar fil-pajjiż tal-oriġinu, filwaqt li pajjiżi ta’ tranżitu jkunu megħjuna jiġġieldu t-traffikanti tal-bnedmin li huma s-sors ta’ mwiet kontinwi fil-baħar Mediterran.

Seduta 113
24/04/2023

**PROGRAMM GEM16+ - ĊAQLIQ TA' LSES**

**8078. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux infurmat dwar id-deċiżjoni li ħa d-Dipartiment tal-Edukazzjoni li jċaqlaq LSE mill-programm edukattiv GEM16+ u dan peress li fis-26 ta' Settembru 2022, fl-ewwel jum ta' din is-sena skolastika, il-Ministru ltaqa' mal-istaff tal-programm bl-iskop li jaċċerta lil kulħadd li se ikompli jaqdi d-doveri tiegħu fl-istess programm mingħajr ma kien se jiċċaqlaq għal post ieħor?

18/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f’seduta oħra.

Seduta 113
24/04/2023

**AĠENZIJA SAPPORT - SKEMA TAL-INDEPENDENT COMMUNITY LIVING - LISTA TA' STENNIJA**

**8079. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Fid-dawl li taħt l-iskema tal-Independent Community Living taħt l-Aġenzija Sapport hemm applikazzjoni fuq il-lista ta' stennija għal madwar sena, jista' l-Ministru jgħid x'qed iwassal għal dan id-dewmien kollu peress li ħafna adoloxxenti u żgħażagħ li għandhom bżonn assistenza f'din il-ħtieġa ma jistgħux jistennew dan iż-żmien kollu fi żmien daqstant delikat u kritiku fl-iżvilupp indipendenti tagħhom?

18/04/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 113
24/04/2023

**SKEJJEL TAL-GVERN - NUQQAS TA' LSES**

**8080. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm nuqqas ta' LSEs fl-iskejjel tal-Gvern bħalissa, fil-Kulleġġi ta' Malta u f'dak ta' Għawdex, kulleġġ kulleġġ? Jista' jgħid x'wassal għal din il-problema?

18/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess ta' reklutaġġ ta' LSEs jinsab fil-fażijiet finali u mistennija jiġu ingaġġati 15-il LSE. Barra minn hekk, hemm numru ta' LSEs li bħalissa jinsabu bil-leave tal-maternità.

Seduta 113
24/04/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - EMAILS MINGĦAND ONLINE NEWS PORTALS JEW MEDIA HOUSES TA' AĦBARIJIET INTERNAZZJONALI**

**8084. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-emails b'mistoqsijiet mingħand online news portals jew media houses ta' aħbarijiet internazzjonali li rċieva l-Uffiċċju tiegħu u l-entitajiet/awtoritajiet li jaqgħu taħtu matul is-snin 2020, 2021, 2022 u Jannar, Frar u Marzu 2023?

18/04/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jgħoddu l-istess prinċipji msemmija fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari tiegħu numru 7115.

Seduta 113
24/04/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - EMAILS MINGĦAND ONLINE NEWS PORTALS JEW MEDIA HOUSES TA' AĦBARIJIET INTERNAZZJONALI**

**8085. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-emails b'mistoqsijiet mingħand online news portals jew media houses ta' aħbarijiet internazzjonali li rċieva l-Ministeru tiegħu u l-entitajiet/awtoritajiet li jaqgħu taħtu matul is-snin 2020, 2021, 2022 u Jannar, Frar u Marzu 2023?

18/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jgħoddu l-istess prinċipji msemmija fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 7116.

Seduta 113
24/04/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - EMAILS MINGĦAND ONLINE NEWS PORTALS JEW MEDIA HOUSES TA' AĦBARIJIET INTERNAZZJONALI**

**8086. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-emails b'mistoqsijiet mingħand online news portals jew media houses ta' aħbarijiet internazzjonali li rċieva l-Ministeru tiegħu u l-entitajiet/awtoritajiet li jaqgħu taħtu matul is-snin 2020, 2021, 2022 u Jannar, Frar u Marzu 2023?

18/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jgħoddu l-istess prinċipji msemmija fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari tiegħu 7117 .

Seduta 113
24/04/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - EMAILS MINGĦAND ONLINE NEWS PORTALS JEW MEDIA HOUSES TA' AĦBARIJIET INTERNAZZJONALI**

**8087. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-emails b'mistoqsijiet mingħand online news portals jew media houses ta' aħbarijiet internazzjonali li rċieva l-Ministeru tiegħu u l-entitajiet/awtoritajiet li jaqgħu taħtu matul is-snin 2020, 2021, 2022 u Jannar, Frar u Marzu 2023?

18/04/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jgħoddu l-istess prinċipji msemmija fit-tweġiba għall-mistoqsija tiegħu numru 7118.

Seduta 113
24/04/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - EMAILS MINGĦAND ONLINE NEWS PORTALS JEW MEDIA HOUSES TA' AĦBARIJIET INTERNAZZJONALI**

**8088. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-emails b'mistoqsijiet mingħand online news portals jew media houses ta' aħbarijiet internazzjonali li rċieva l-Ministeru tiegħu u l-entitajiet/awtoritajiet li jaqgħu taħtu matul is-snin 2020, 2021, 2022 u Jannar, Frar u Marzu 2023?

18/04/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jgħoddu l-istess prinċipji msemmija fit-tweġiba għall-mistoqsija tiegħu numru 7119.

Seduta 113
24/04/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - EMAILS MINGĦAND ONLINE NEWS PORTALS JEW MEDIA HOUSES TA' AĦBARIJIET INTERNAZZJONALI**

**8089. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-emails b'mistoqsijiet mingħand online news portals jew media houses ta' aħbarijiet internazzjonali li rċieva l-Ministeru tiegħu u l-entitajiet/awtoritajiet li jaqgħu taħtu matul is-snin 2020, 2021, 2022 u Jannar, Frar u Marzu 2023?

18/04/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jgħoddu l-istess prinċipji msemmija fit-tweġiba għall-mistoqsija tiegħu numru 7120.

Seduta 113
24/04/2023

**UFFIĊJALI TAL-FIAU LI ATTENDEW LAQGĦA FIL-BERĠA TA' KASTILJA**

**8109. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk fis-17 ta' April 2023 kienx hemm laqgħa fil-Berġa ta' Kastilja li għaliha attendew uffiċjali tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)? Min kien preżenti u x'kien l-iskop ta' din il-laqgħa?

18/04/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-laqgħat fuq livell tekniku jkunu diversi biex ikun analizzat kif l-awtoritajiet regolatorji, inkluż l-FIAU, jistgħu jibqgħu jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra r-reati finanzjarji u reati oħrajn.

Kienet din l-istrateġija li wasslet biex il-proċess li pajjiżna għadda minnu mal-Financial Action Task Force (FATF) ingħalaq favorevolment. Infakkar li l-ħruġ ta' pajjiżna fi żmien qasir ħafna mil-lista l-griża seħħ b'kordinament kontinwu bejn l-entitajiet konċernati u l-uffiċċju tal-Prim Ministru, fejn bħala Prim Ministru anke' ltqajt mal-esperti tekniċi tal-FATF fl-on-site visit li għamlu ġewwa pajjiżna, qabel id-deċiżjoni finali tagħhom.

Il-pajjiż irid jibqa' viġilanti u kontinwament janalizza l-iżviluppi li jkun hemm, inkluż dawk li jistgħu jheddu jew jinnewtralizzaw il-funzjoni ta' infurzar tal-FIAU jew ta' entitajiet oħra li jaħdmu kontra l-kriminalità.

Inżid li huwa obbligu tal-Gvern li ma jkunx ċass quddiem realtajiet bħal dawn, u li jagħti d-direzzjoni strateġika tal-pajjiż lill-entitajiet biex imbagħad dawn jimplimentawha.

Jiena nittama li l-Oppożizzjoni għandha l-istess għanijiet tal-Gvern u għandi nifhem li m'għandha lil ħadd li trid tipproteġi billi timmilita favur xenarju fejn dawn is-sistemi t'infurzar ma jaħdmux jew jiġu mdgħajfa. Anke' jekk b'diżappunt, irrid infakkar li meta ġejna biex nikkodifikaw ċertu tisħiħ fil-funzjonijiet t'infurzar ta' dawn l-entitajiet regolatorji, u s-setgħat tagħhom, anke' permezz ta' bidliet kostituzzjonali, l-Oppożizzjoni kienet kontra.

Seduta 113
24/04/2023

**UFFIĊJALI TAL-FIAU LI ATTENDEW LAQGĦA FIL-BERĠA TA' KASTILJA**

**8110. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min sejjaħ il-laqgħa li saret fis-17 ta' April 2023 fil-Berġa ta' Kastilja u li għaliha attendew uffiċjali tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)?

18/04/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 8109.

Seduta 113
24/04/2023

**FAILED ASYLUM SEEKERS F'MALTA**

**8113. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7314, fejn jingħad li n-numru ta' failed asylum seekers li għandhom dokument tal-Pulizija u li għandhom jitolbu estensjoni f'Malta huwa ta' 738 u fejn jingħad ukoll li ż-żmien li ilhom Malta jvarja mis-sena 2004 sas-sena 2022, li jfisser li wħud minnhom ilhom hawn 18-il sena, jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li dawn il-failed asylum seekers ma ġewx ritornati fil-pajjiż oriġinali tagħhom? Xi pjanijiet għandu l-Gvern għal dawn il-failed asylum seekers li jinsabu f'dan il-limbu?

18/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-politika tal-Gvern f'dan is-settur hija politika ta' immigrazzjoni ġusta, li tipproteġi lil dawk li jikkwalifikaw għall-ażil f'Malta filwaqt li ma tippremjax lil dawk li jidħlu Malta illegalment u jinstabu li ma jkun ħaqqhom l-ebda protezzjoni. Dan sabiex ukoll ma jintbagħatx il-messaġġ lil hinn minn xtutna illi jħeġġeġ lill-persuni jaqsmu b'mod irregolari u perikoluż, għaliex anke jekk mhux intitolat għall-protezzjoni, ser tkun premjat billi tingħata status ta' residenza u d-dokumenti relatati miegħu. Proprju għal din l-istess raġuni li fl-2021 twaqqfet Returns Unit fi ħdan il-Ministeru għall-Intern. Dan il-unit ħadem sabiex żdiedu n-numru ta' immigranti rregolari rritornati lejn pajjiżhom u bdiet tingħata assistenza individwali lil mijiet ta' immigranti fuq ir-ritorn.

Hemm numru ta' fatturi li jwasslu sabiex failed asylum seeker idum ma jiġi rritornat lejn il-pajjiż tal-oriġinu tiegħu, partikolarment in-nuqqas ta' dokumenti tal-identità, nuqqas ta' koperazzjoni mill-pajjiż tal-oriġinu sabiex tinkiseb id-dokumentazzjoni meħtieġa għar-ritorn u nuqqas ta' koperazzjoni mill-persuna nnifsu. Hemm failed asylum seekers li rritornaw volontarjament u oħrajn li ġew irritornati b'mod furzat. Il-Gvern jemmen li min ma jkunx ikkopera sabiex jiġi rritornat lejn il-pajjiż tal-oriġinu ma għandux jiġi premjat. Għaldaqstant l-awtoritajiet ser ikomplu jaħdmu sabiex dawn il-każijiet jonqsu, anke bl-għajnuna ta' aġenziji internazzjonali u Ewropej li joffru għajnuna għall-integrazzjoni mill-ġdid fil-pajjiż tal-oriġinu.

Seduta 113
24/04/2023

**GĦAWDEX – SERVIZZI GĦALL-ANZJANI**

**8114. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7787 fejn il-Ministru rreferieni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6879, jista' l-Ministru jgħid x'servizzi għall-anzjani qed jingħataw f'Għawdex mill-Ministeru għall-Anzjanità Attiva u liema huma dawk is-servizzi għall-anzjani li jingħataw f'Għawdex mill-Ministeru għal Għawdex peress li din it-tweġiba ma tirrigwarda bl-ebda mod dan is-suġġett?

18/04/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Anzjanità Attiva qed jipprovdi diversi servizzi f'Għawdex għall-anzjani Għawdxin. Dawn is-servizzi li qed jiġu provduti mill-klinika multidixxiplinari ta' Dar Padova f'Għajnsielem huma; Servizz ta' Flebotomija (Teħid tad-demm); Servizz Domiċiljari ta' Infermier u Carer; Servizz ta' Kontinenza (b'kollaborazzjoni mal-Ministeru t'Għawdex), Klinika Vaskulari, Servizzi ta' Podjatrija, Occupational Therapy, Servizz Dijetetiku Domiċiljari u ta' Nutrizzjoni, Servizz ta' Night Shelter, Servizz ta' Psikoterapija, Interventi mit-Tim tad-Dimensja, Ċentru tal-Attività tad-Dimensja u s-servizz ta' trasport għall-anzjani magħruf bħala Silver-T.
Fir-rigward ta' servizzi offruti mill-Ministeru għal Għawdex, nistieden lill-Onor. Interpellant biex tagħmel il-mistoqsija lill-Ministru konċernat.

Seduta 113
24/04/2023

**KEMMUNA – BAJJA TA' BLUE LAGOON – SEJĦA PUBBLIKA GĦALL-KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELLEL**

**8115. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 3826 sa 3830, fejn il-Ministru qal li se tiġi ppubblikata sejħa pubblika biex ikun hemm min joffri servizz ta' kiri ta' deckchairs/umbrellel ġewwa l-Bajja tal-Blue Lagoon f'Kemmuna, u b'referenza għal dak li l-Ministru qal dan l-aħħar li mhux se tinħareġ sejħa pubblika qabel ma jitlesta l-istudju 'long-term plan' għal din il-bajja, jista' l-Ministru jgħid min qiegħed jagħmel dan l-istudju, fiex wasal u x'inhuma t-time frames ta' meta ser jitlesta, jiġifieri jekk hux qabel jibda s-sajf jew wara li jispiċċa s-sajf?

18/04/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istudju komprensiv b'viżjoni fit-tul ser jiffoka fuq diversi aspetti tal-gżira, inkluż il-Bajja ta' Blue Lagoon.

Seduta 113
24/04/2023

**SKEJJEL – SIXTH FORM SIR M.A. REFALO**

**8119. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7385 u jgħid jekk is-6th Form Sir M.A. Refalo għandhiex it-titlu ta' Institute for Further Education? Jekk iva, dan meta ngħata u għaliex?

19/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-terminu "Institute for Further Education" huwa riferut bħala sotto titlu, bħal kull sotto titlu ieħor li kellha l-iskola msemmija matul is-snin. Dan is-sotto tilu ġie miżjud fis-sena skolastika 2014/15 fuq inizjattiva tat-tmexxija tal-iskola ta' dak iż-żmien.

Seduta 113
24/04/2023

**SKOLA GUARDIAN ANGEL – KAMRA MULTISENSORJA**

**8120. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6959 u jgħid jekk il-kamra multisensorja fil-Guardian Angel hijiex tintuża u jekk hemmx għalliema speċifikament biex taħdem mat-tfal f'din il-kamra?

19/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħall kull kamra u riżorsi oħrajn, il-kamra msemmija hi disponibbli għal dawk l-edukaturi mħarrġa biex jgħamlu użu minnha.

Seduta 113
24/04/2023

**MTARFA – GĦELUQ TAL-ISKOLA**

**8121. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6715 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-evidenza li permezz tagħha ttieħdet id-deċiżjoni li tingħalaq l-Iskola tal-Imtarfa?

19/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskola msemmija ġarrbet ħsarat estensivi u b'hekk għas-sigurtà ta' kull impjegat u student, l-iskola ngħalqet biex jitkomplew l-istudji neċessarji b'mod sigur.

Seduta 113
24/04/2023

**SKEJJEL – STUDENTI F'LEARNING CENTRES**

**8122. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6714 u jgħid kemm kien hemm studenti jattendu f'kull Learning Centre (jippreżenta lista għal kull ċentru) fis-sentejn skolastiċi li għaddew (2020-2021 u 2021-2022) u kemm minnhom ġew integrati lura fl-iskejjel rispettivi minn fejn intbagħtu?

19/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 113
24/04/2023

**NAXXAR HIGHER SECONDARY – SPAZJU MIFTUĦ ĠDID**

**8123. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6712, jista' l-Ministru jgħid meta se jitlesta l-ispazju miftuħ ġdid fil-Higher Secondary School fin-Naxxar li jinkludu faċilitajiet sportivi ġodda kif ukoll parkeġġ skont kif imħabbar fil-klawsola 238 tal-Manifest Elettorali 2022 tal-Partit Laburista?

19/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett imsemmi se jsir, kif imwiegħed, u mistenni jitlesta sa tmiem is-sena 2026.

Seduta 113
24/04/2023

**MCAST – IMPJEGATI FL-IT SERVICES**

**8124. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6709, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ismijiet tal-impjegatifl-IT Services tal-MCAST kif elenkati fit-tweġiba?

19/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma nħosx li hu idonju li d-detalji personali ta' uffiċjali pubbliċi jiġu ppublikati b'dan il-mod.

Seduta 113
24/04/2023

**KLIEB - ATTAKK FUQ IS-SID**

**8164. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex fl-inċident li seħħ fis-17 ta' April 2023, fejn sid ta' żewġt iklieb safa attakkat minnhom, l-uffiċjali mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali ma kinux mgħammra b'apparat li seta' jgħin biex jiġu trankwillizzati l-klieb? Jista' jgħid jekk dawn iż-żewġt iklieb ġewx iċċekjati minn behaviourist u anke veterinarju biex jassessjaw għaliex ġabu ruħhom b'dan il-mod? Jista' jgħid jekk dawn iż-żewġt iklieb ġewx ittestjati għal xi tip ta' mediċina li setgħu ġew esposti għaliha, anke kif ipproponiet il-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali? X'sar jew x'se jsir minn dawn iż-żewġt iklieb?

19/04/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-inċident li seħħ fis-17 ta' April, 2023, fejn sid ta' żewġt iklieb safa attakkat minnhom, ir-rapport daħal bħala sejħa normali għall-ambulanza fejn il-veterinarja ġiet ukoll msejħa fuq il-post. It-trankwillizzant waħdu ma kienx ħa jwaqqaf immedjatament il-klieb. L-investigazzjonijiet fuq dan il-każ għadhom għaddejjin. Il-kelb involut miet u ħa ssirlu awtopsja filwaqt li l-kelb l-ieħor qiegħed mal-klieb l-oħra li nġabru mir-residenza tas-sid, f'post sigur fejn qed jingħataw dak kollu li għandhom bżonn.

Seduta 113
24/04/2023

**KLIEB MISJUBA F'RESIDENZA**

**8165. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-bqija tal-klieb li nstabu fir-residenza tas-sid li safa attakkat minn żewġt iklieb tiegħu f'inċident li seħħ fis-17 ta' April 2023? Jista' jgħid għaliex dawn l-istess klieb tħallew 'il fuq minn 24 siegħa bil-ġuħ qabel ġew mitmugħa? Jista' jgħid għaliex ma skattawx l-emendi l-ġodda li ddaħħlu permezz tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kap. 439, f'Jannar li għadda u allura fl-immedjat il-Qorti kienet tagħti l-permess biex fir-residenza inkwistjoni, jingħata l-aċċess biex jidħlu l-Uffiċjali tal-Ħarsien tal-Annimali? X'se jsir mill-klieb l-oħrajn li nstabu fir-residenza?

19/04/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li nstabu tmint iklieb fir-residenza tas-sid li safa attakkat minn żewġt iklieb tiegħu f'inċident li seħħ fis-17 t'April 2023. Id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali kellha informazzjoni li dawn il-klieb kienu qegħdin jiġu mitmugħin. Il-proċess kien wieħed delikat u kien hemm bżonn koordinazzjoni neċessarja mal-pulizija. Il-klieb jinsabu f'post sigur u f'kundizzjonijiet xierqa taħt il-kustodja tad-Direttorat għal Harsien tal-Annimali.

Seduta 113
24/04/2023

**NTSF – ALLOKAZZJONI TA' FONDI LIL SPORTIVI MALTIN**

**8171. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8023 u jagħti rendikont ta' kif intefqu l-fondi tal-NTSF li suppost kienu allokati għall-isportivi Maltin, b'mod speċifiku għall-federazzjonijiet sportivi b'rabta mal-GSSE Malta 2023? Jista' jikkonferma li dawn il-fondi allokati jammontaw għal madwar €5 miljun? Jista' jindika min huma l-atleti li bbenefikaw minn dawn il-fondi?

20/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Sport | Ammont |
|---|---|
| Atletika | € 576,250 |
| Basketball | € 553,000 |
| Judo | € 330,250 |
| Rugby | € 305,000 |
| Sailing / Ibburdjar | € 380,000 |
| Shooting / Sparar | € 582,500 |
| Squash | € 275,000 |
| Swimming/ Għawm | € 319,000 |
| Table Tennis | € 392,000 |
| Tennis | € 450,000 |
| Servizzi ta Nutritionist, (training) Strength & Conditioning, Psychologist Services, Administrative Costs and Bonuses (jitqassam bejn l-għaxar assoċjazzjonijiet) | € 747,500 |

Seduta 113
24/04/2023

**L-IMQABBA – TRIQ IS-SEJBA - XOGĦLIJIET**

**8172. L-ONOR. OMAR FARRUGIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Fid-dawl li diversi residenti mill-Ħames Distrett Elettorali qed jilmentaw minħabba l-inkonvenjent biex jidħlu u joħorġu b'mod speċjali mill-Imqabba, u l-bżonn urġenti li x-xogħlijiet fi Triq is-Sejba, ġewwa l-Imqabba, jitlestew kemm jista' jkun malajr, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-aħħar żviluppi f'din it-triq u meta se tkun lesta sabiex jissolva dan l-inkonvenjent?

20/04/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta hija konxja mill-importanza ta' din ir-rotta għal diversi residenti u industriji, li jinsabu jew jaqsmu mill-akwati. Għaldaqstant, fl-intervent tagħha, Infrastructure Malta għażlet li tmur b'mod immedjat għal soluzzjoni permanenti, fejn minkejja li intervent ta' dan it-tip jieħu xhur biex isir, ser iservi fit-tul lill-poplu kollu. L-istruttura proposta biex iżżomm it-triq għaddejja b'ritmu tajjeb skont kif ippjanat u il-kolonni fil-pedamenti tat-triq kważi tlestew kollha.

Simultanjament bdew xogħlijiet ta' preparazzjoni biex jinbeda ix-xogħol ta' wiċċ it-triq. Huwa ppjanat li dan ix-xogħol ikun konkluż fil-ġimgħat li ġejjin u t-triq tkun tista' tinfetaħ mill-ġdid qabel is-sajf.

Seduta 113
24/04/2023

**MARSASKALA - ANZJANI LI JGĦIXU WAĦIDHOM**

**8174. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5655, jista' l-Ministru jgħid kemm mit-3,085 anzjan li jgħixu f'Marsaskala qegħdin jgħixu waħedhom?

20/04/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi minn 3,085 persuna li għandhom 60 sena jew iżjed, u joqogħdu Marsaskala, hemm 233 persuna li jgħixu f'istituzzjoni, u 2,852 fi djar privati.
Fost dawn li jgħixu fi djar privati, hemm 1,817 anzjani li joqogħdu fi djar fejn il-membri kollha tad-dar għandhom 60 sena jew iktar. Minn dawn, 614 anzjan jgħixu f'dar b'persuna waħda.
Is-sors ta' din l-informazzjoni huwa ċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar 2021.

Seduta 113
24/04/2023

**SPIŻA DWAR L-OBEŻITÀ**

**8175. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'kienet l-ispiża fuq l-obeżità matul is-sena l-oħra?

20/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-istima tal-ispiża fuq l-obeżità hija eżerċizzju estensiv li tinvolvi riċerka sostanzjali u ma tinġabarx fuq bażi annwali.

Seduta 113
24/04/2023

**KAŻIJIET TA' FERITI GRAVI FUQ ANZJANI**

**8176. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6343, jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-każijiet ta' feriti ta' natura gravi fuq anzjani mis-sena 2020 sas-sena l-oħra?

20/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi mis-sena 2020 sa l-aħħar tas-sena 2022 kien hemm erbgħin każ ta' feriti ta' natura gravi fuq persuni ta' sittin sena jew aktar. Minn dawn il-każi kien hemm tlieta u erbgħin vittma.

Seduta 113
24/04/2023

**BERĠA TA' WIED IL-GĦAJN- SERVIZZI TA' NUTRIZZJONISTA U TAS-SAĦĦA MENTALI**

**8177. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk jistax jingħata s-servizz ta' Nutrizzjonista u servizz ta' Saħħa Mentali għat-tfal u ż-żgħażagħ fil-Berġa ta' Wied il-Għajn, bħalma hemm fil-Berġa tas-Saħħa ta' Ħal Tarxien?

20/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi waqt li minħabba li l-ispazju fiċ-ċentri komunitarji tas-saħħa huwa wieħed limitat, mhux possibbli illi s-servizzi kollha offruti jingħataw minn ċentru wieħed, id-dipartiment tal-Kura Primarja jagħmel ħiltu sabiex ċentri biswit xulxin jagħtu firxa ta' servizzi fil-komunità.

Seduta 113
24/04/2023

**FAĊILITA' KORRETTIVA TA' KORDIN - PRIĠUNIERI**

**8178. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu priġunieri fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin mis-sena 2020 sal-ġurnata li tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Kemm kien in-numru ta' priġunieri Maltin u barranin u fuq liema reati ġew ammessi dawn il-priġunieri?

20/04/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi fis-sena 2020 daħlu 1093 priġunier li minnhom kien hemm 417 Maltin u 676 barranin, fis-sena 2021 daħlu 867 li minnhom kien hemm 392 Maltin u 475 barranin, fis-sena 2022 daħlu 616 li minnhom kien hemm 357 Maltin u 259 barranin filwaqt li sal-21 ta' April 2023 daħlu 245 priġunier li minnhom kien hemm 144 Maltin u 101 barranin fil- Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

Ir-reati li dawn il-priġunieri ġew ammessi bihom huma fit-tabella riprodotta hawn taħt:

| |
|---|
| Abduction |
| Accomplice in aggravated theft |
| Accomplice in arson |
| Accomplice in attempted aggravated theft |
| Accomplice in Wilful Homicide |
| Aggravated Theft |
| Aided or assisted any person to land or attempt to land in Malta |
| Aiding and abetting immigrants to leave or land in Malta clandestinely |
| Arson |
| Assault on Public Officers |
| Attempted Violent Indecent Assault |
| Attempted aggravated theft |
| Attempted GBH |
| Attempted Homicide |
| Attempted theft |
| Attempted theft from the elderly |
| Attempted wilful homicide |
| Blackmail |
| Breach conditions of bail |
| Breach of Art 28G(1) of Chapter 9 (Supervision Order) |
| Breach of Art 412C of Chap 9 (Protection order) |
| Breach of bail conditions |
| Breach of probation order |
| Breach of protection order |
| Breach of public good order |
| Breach of suspended sentence |
| Breach of treatment order |
| Causing an elder to suffer under circumstances likely to produce death |
| Chapter 276, Art 14 of the Extradition Act. |
| Compelling and inducing persons of age into prostitution |
| Concealing of a dead body and altering of evidence |
| conspiracy with other persons in committing a crime |
| Conspiracy with other persons in drug trafficking |
| Contravening court order |
| Contraventions against the person - utters, insults or threats |
| Conversion of Ammenda |
| Conversion of multa |
| Conversion of Ref's Fees |
| Correctional Care order |
| Corruption of minor |
| Cruelty to Animals |
| Cultivation of drugs |

| |
|---|
| Defilement/Corruption of minors |
| Disobeying Police Orders |
| Domectic Violence - GBH |
| Domestic violence - attempted wilful homicide |
| Domestic Violence - GBH |
| Domestic Violence - Threats |
| Domestic Violence - Arson |
| Domestic Violence - Attempted GBH |
| Domestic Violence - Attempted Homicide |
| Domestic Violence - Attempted Rape |
| Domestic violence - Attempted Slight Injuries |
| Domestic Violence - Femicide |
| Domestic Violence - GBH |
| Domestic Violence - Harassment |
| Domestic Violence - Illegal arrest |
| Domestic Violence - Non Consensual act of a sexual nature |
| Domestic Violence - private violence |
| Domestic Violence - Rape |
| Domestic Violence - Slight injuries |
| Domestic Violence - Spoiled, damaged or caused injury in general |
| Domestic violence - Stalking |
| Domestic Violence - Threats |
| Domestic Violence - Wilful Damages |
| Domestic Violence - Wilful Homicide |
| Domestic violence- GBH |
| Domestic violence- rape |
| Domestic violence- Threats |
| Driving vehicle w/o licence |
| Earned money from prostitution |
| Escape from place of detention |
| Escape from police custody |
| European Arrest Warrant |
| Failed to declare excess currency to the controller of customs |
| Failed to give surety money to her husband |
| Failed to give surety money to his wife |
| Failing to produce passport, and giving information to the P.I.O. |
| False declarations |
| False declarations or information to a public authority |
| False Pretences |
| Falsification and Fraud |
| Falsification of Passport |
| Forgery of private writings |
| Found drunk and incabale of taking care of himself |
| Fraud and missapropriation |
| GBH |
| Harassment |
| Harassment / Subjects a person to any act with sexual connotations |
| Human Trafficking |
| Hunt or attempt to hunt any bird which is protected under L.S. 549.42 |
| Ill Treatment of Children |
| Illegal Arrest |
| Illegal hunting |
| Importation of Drugs |
| Indecent words or gestures or insulting remarks |
| Indicent acts in public |
| Inducing, etc., persons under age to prostitution |
| Instigation, etc, of defilement of minors. |
| Introduction of explosives into malta without licence |

| |
|---|
| Involuntary Bodily Harm |
| Involuntary Homicide |
| Landed or was in Malta w/o permit from the P.I.O. |
| Loitering for prostitution |
| Making use of a vehicle without being insured against third-party risks |
| Malicious use of computer and fraud |
| Malicious use of false documents |
| Mandant in Factum |
| Missapropriation |
| Money laundering |
| Non-Consensual Act of a sexual nature |
| Non-consensual taking or disclosure of private sexual photographs and films |
| Non-Consentual acts of a sexual nature |
| Offences of criminal nature specific to electronic communications |
| Operating, promoting, selling or participating in unauthoriesed gaming |
| Organized Crime |
| Participating in sexual activities with minors |
| Perjury |
| Possesion of Drugs with the intent to supply |
| Possession and trafficking of Drugs |
| Possession of Drugs |
| Possession of drugs in CCF |
| Possession of Drugs with the intent to supply |
| Possession of false documents |
| Possession of fire arm |
| Possession of firearms during commission of offence |
| Possession of indecent photos / films of persons under age |
| Possession of Prohibited Knife |
| Possession of prohibited weapon |
| Private Violence |
| Promotes, Constitutes Or Finances An Organisation To Commit Criminal Offences |
| Promotes, Constitutes, Orginises Or Finances An Organisation To Commit Criminal Offences |
| Protection Orders for Minors |
| Public violence / Unlawful assembly |
| Publicly instigated any other person to commit an offence |
| Rape |
| Rape of minors |
| Receiving stolen articles |
| Revocation of bail |
| Revocation of Parole Licence |
| Simulation of offence |
| Slight injuries |
| Spoiled, damaged or caused injury in general |
| Stalking |
| Stowaway |
| Subornment of witness |
| Suspension of Parole Licence |
| Theft |
| Theft from the elderly |
| Theft of vehicle |
| Threats |
| Threats on public officers |
| Traffic in persons to enter or leave Malta illegally |
| Traffic of a person of age for the purpose of exploitation |
| Traffic Offences |
| Transfer of passport |
| Trial by Jury |
| Unlawful Assembly |

| |
|---|
| Unlawful exercise of public functions |
| Unlawful presence in restricted zone |
| Use of electronic communications apparatus to make threats |
| Vilification, threats or bodily harm against public officers |
| Violence against Public Officers |
| Violent Indecent Assault |
| Voluntary Damages |
| Wilful Damages |
| Wilful Homicide |
| Withdrawal of bail |

Seduta 113
24/04/2023

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBA BIL-MIKTUB

### MALTA SPACE TASKFORCE – MEMBRI

**W17. L-ONOR JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jgħid min huma l-membri tal-Malta Space Taskforce, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' din it-taskforce?

04/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt.

Chairman – Mr. Omar Cutajar

Membri tal-bord – Captain Charles Pace

Ing. Kenneth Chircop

Profs. Kristian Zarb Adam

Dr. James Foden

Dr. Roberto Cassar

Dr. Jean Marie Mifsud

Mr. Matt Prusak

Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li t-Task Force m'għandhiex remunerazzjoni. L-aħħar tiġdid tal-ħatra tal-membri msemmijja sar f'Ġunju tal-2022.

Seduta Numru 110
17/04/2023